**Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880 Luqa**

## Programm tal-Festi f' Ì ieh

# Sant'Andrija Appostlu

## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Óal Luqa

# Çelebrazzjonijiet Esterni

### Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju - Luqafest 2009

**7:30pm** Spettakklu kbir fi Pjazza Sant'Andrija u t-toroq tal-madwar bil-parteċipazzjoni ta' diversi kantanti, żeffina, animaturi u attrazzjonijiet oħra li jinkludu wirjiet, talent, stands tal-ikel u xorb u divertiment ieħor.

### Il-Ħadd 28 ta' Ġunju

**10:30am** Riċeviment annwali tal-festa fis-swali tal-każin għall-mistednin distinti, Kunsill Lokali, Kleru, benefatturi, bandisti u membri tas-Soċjetà.

### It-Tnejn 29 ta' Ġunju

**8:00pm** Kunċert ġenerali tal-marċi l-ġodda fil-bitħa tal-każin u wara Red Party għall-membri u l-partitarji kollha.

### L-Erbgħa 1 ta' Lulju - L-Ewwel Jum tat-Tridu

**7:45pm** Il-Banda L-Unjoni tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija għal Pjazza Sant'Andrija u jibqa' sejjer Triq il-Karmnu fejn hemm hekk jindaqqu l-innijiet ta' Ħal Luqa u ta' Sant'Andrija waqt li l-President tas-Soċjetà jsellem u jqiegħed kuruna tar-rand f'riġlejn l-istatwa ta' Sant'Andrija, propju fis-sena li Ħal Luqa qed tfakkar it-375 sena mindu saret parroċċa. Il-marċ ikompli lura minn Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Trejqet it-Rixtellu, Triq 9 t'April 1942 għall-Pjazza Sant'Andrija.

8:45pm Programm mużikali fuq il-planċier artistiku fi Pjazza Sant'Andrija, li din is-sena qed infakkru l-40 anniversarju mill-inawgurazzjoni tiegħu. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni tal-Profs Charles E. Zammit Ph.D..

### Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju - It-Tielet Jum tat-Tridu

**8:30pm** Il-Banda L-Unjoni, flimkien mal-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq, jibdew marċ popolari minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija għal Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Ħabaq, Triq id-Dokkiena, Triq San Pawl, Triq Mons. Ġ. Debono, Triq ir-Rixtellu, Triq il-Karmnu, Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq il-Ġdida, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija fuq il-pedestall fost il-briju tal-partitarji.

### Is-Sibt 4 ta' Lulju - Lejlet il-Festa

**8:15pm** Il-Banda L-Unjoni tagħti bidu għall-marċ popolari ta' lejlet il-festa minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija għal Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant' Andrija u Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ maestuż u uniku tal-istatwa tal-Anġlu, simbolu tal-martirju u l-glorja tal-Appostlu Sant'Andrija.

### Il-Ħadd 5 ta' Lulju - Jum il-Festa

**6:00pm** Il-Banda mistiedna 12th May ta' Ħaż Żebbuġ tibda marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija għal Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija. Wara l-banda tieħu postha fuq il-planċier minn fejn tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija permezz tal-innijiet fil-ħruġ tal-purċissjoni.

**10:15pm** Il-Banda 12th May terġa' ssellem l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija bid-daqq tal-innijiet fid-dħul tagħha lura fil-Knisja.

**11:15pm** Marċ ta' għeluq il-festa mill-Banda L-Unjoni.



## Kunçert Çelebrattiv mill-Banda L-Unjoni

### F'G ˙ eluq l-40 Sena mill-Inawgurazzjoni tal-Plancier Artistiku

*Pjazza Sant'Andrija, Óal Luqa • L-Erbg ˙ a 1 ta' Lulju, 2009*

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Lil Ħal Luqa** | Ch. Zammit |
| Overture | **Rienzi** | R. Wagner |
| Waltz | **Espana** | E. Waldteufel |
| Ballet Suite | **Holiday in Paris** | J. Offenbach |
| Concert March | **The Gladiators** | J. Fucik |
| | – Intervall – | |
| Suite | **Occasional** | Ch. Zammit |
| Medley | **Joseph and the Technicolor Dreamcoat** | A. Lloyd Webber |
| Suite | **Ballet Parisien** | J. Offenbach |
| Innu | **Lil Sant'Andrija** | G. Grech |
| Innu | **Lill-Banda L-Unjoni** | J. Abela Scolaro |

*Direttur* – Prof. Charles Zammit *Ph.D.* • *Leader* – John D. Zammit *F.V.C.M.* • *Compere* – Graziella Spiteri

# Programm tan-Nar

### It-Tnejn 29 ta' Ġunju

**6:00pm** Quddiesa fil-kumpless tan-nar għall-membri kollha tal-kamra tan-nar. Jiċċelebra d-Direttur Spiritwali Fra Adriano Cachia O.F.M.

### It-Tlieta 30 ta' Ġunju - Ħruġ tal-Istatwa *Titulari minn Niçça*

**7:45pm** Salut, kaxxa bomba u spanjola u murtali tal-beraq bil-loghob.

**9:30pm** Salut, beraq pront u tal-kulur, blalen u murtali tal-kulur.

### L-Erbgħa 1 ta' Lulju - L-Ewwel Jum tat-Tridu

**8:00am, 12:00pm, 8:00pm** - Salut u murtali tal-beraq.

11:15pm Nar tal-art f'Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra.

### Il-Ħamis 2 ta' Lulju - It-Tieni Jum tat-Tridu

**8:00am, 12:00pm, 8:00pm** - Salut u murtali tal-beraq.

### Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju - It-Tielet Jum tat-Tridu

**8:00am, 12:00pm, 8:00pm** - Salut u murtali tal-beraq.

**9:45pm** Salut, sfejjer, blalen, beraq tal-kulur, beraq pront, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

### Is-Sibt 4 ta' Lulju - Lejlet il-Festa

**8:30am** **Te Deum** - Salut, kaxxa bomba u spanjola u murtali tal-beraq bil-loghob.

**12:00pm** Salut u murtali tal-beraq.

**7:00pm** **Translazzjoni** - Salut, kaxxa bomba u spanjola segwiti b'varjazzjoni kbira ta' murtali bil-loghob.

**9:15pm** Lampjun, sfejjer, xokkijiet, beraq pront u beraq ikkulurit, blalen u murtali tal-kulur, kruċetti u kaxxa kbira tal-kulur.

**12:00am** Nar ta' l-art mekkanizzat f'Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra.

### Il-Ħadd 5 ta' Lulju - Jum il-Festa

**8:00am, 12:00pm** - Salut u murtali tal-beraq.

**7:30pm** **Ħruġ tal-purċissjoni** - Salut, kaxxa kbira tal-ġruh u wara diversi settijiet ta' murtali bil-loghob b'diversi qisien ta' beraq u hsejjes u blalen tad-dahna sewda, uniċi f'Malta.

**9:00pm** Lampjun, sfejjer, blalen, beraq pront beraq tal-kulur u murtali tal-kulur.
Fid-dhul tal-purċissjoni ninġabru l-Knisja sabiex naghtu hajr l'Alla u lil Sant'Andrija.

**Dan ix-xogħol piroteknku inhadem kollu mill-membri tas-St. Andrew's Fireworks Factory.**

Bestprint Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789